KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 33

It-tlieta u tletin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 27 ta' Novembru 2014 fis-6.17pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Kris Busietta | Vici Sindku |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
6. *Aġġornament*

1 **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 31_29/10/2014

1.2 Dwar punt 2.8 il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li ghanda tizdied il-frazi li 'hi kienet qablet mal-Kunsillier M. Briguglio u qalet ukoll li r-residenti ta' Tigne Sea Front u ta' St Anthony ma jaqblux għax jizdied il-*pollution* minħabba t-traffiku.' Kien hemm qbil dwar dan. *Korrezzjonijiet*

1.3 Dwar punt 2.9 il-Kunsilliera V. Galea Pace proponiet li wara l-kelma 'prova' tizdied il-frazi kif ġej: 'V. Galea Pace sostniet li mhux ġust u dan peress li numru ta' residenti ta' Ix-Xatt ta' Tigne huwa ferm izgħar min-numru totali ta' residenti f'Tigne.' Kien hemm qbil dwar dan.

*Il-Kunsillier J. Pillow daħal għas-seduta 18.24*

1.4 Il-Kunsillier P. Radmilli propona li ssir korrezzjoni fil-frazi 'm'għandiex tkun *football*' u tinqara 'mhux dejjem *football*'. Kien hemm qbil dwar dan.

1.5 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 31_29/10/2014. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti *Approvazzjoni tal-minuti 31_29/10/2014*

1.6 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti 32_6/11/2014.

1.7 Il-Kunsillier J. Pillow propona li tizdied il-frazi 'il-Kunsillier J. Pillow zied li sadanittant il-Kunsill għandu jiċċekkja ma' *Sliema Business Community* kemm jekk juzax dawl u x'tip ta' dawl jintuza għal *ice skating rink.* Kien hemm qbil dwar dan. *Korrezzjonijiet*

1.8 Għal punt 1.18 qabel il-frazi 'Il-Kunsillier J. Pillow saqsa min se jħallas għal dan l-abbozz' għandha tizdied il-frazi qabel 'Filwaqt li l-Kunsillier J. Pillow jaqbel fil-prinċipju saqsa min se jħallas'. Kien hemm qbil dwar dan.

1.9 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 32_6/11/2014. Il-Kunsillier D. Muscat issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 32_6/11/2014*

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq għad-diskussjoni dwar Tower Lane *Tower Lane*

fejn fakkar fid-deċizjoni precedenti tal-Kunsill. Hu qal li l-linji sofor ma sarux sa issa u l-ittra lir-residenti ma intbgħatetx, u dan minħabba l-fatt li saret komunikazzjoni mar-residenti direttament minn Kunsilliera (skont kif kienet parti mill-aħħar deċizjoni), u wara dan inqalgħu diversi materji.

2.2 Sadanitant il-Kunsill ġie infurmat li irċieva ittra reġistata mill-Qorti mis-sidien tal-ħwienet għaliex dawn ma jridux li l-faċċata tiġi affetwata b'xi mod billi tiġi mogħttija mil-karrozzi. Is-Segretarju Ezekuttiv ħa parir mill-avukat tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv avza wkoll li illum daħlet petizzjoni mir-residenti ta' Tower Lane biex jibqa kollox kif inhu u jipparkjaw huma biss. Il-Kunsill innota li peress li dan l-isqaq huwa pubbliku ma jistax issir hekk. Is-Segretarju Ezekuttiv qara l-parir legali mill-avukat tal-Kunsill.

2.3 Is-Sindku insista li l-ġnub f'Tower Lane jibqgħu aċċessibbli. Qal ukoll li għalkemm ma infurmajniex lir-residenti b'ittra bil-gwida li ingħatat mit-TM, infurmajnihom verbalment.

2.4 IL-Kunsillier P. Radmilli qal li l-deċizjoni li ħa l-Kunsill tista tinzamm *on hold* mhux bilfors tiġi attwata mill-ewwel.

2.5 Is-Sindku qara l-petizzjoni li rċieva l-Kunsill. Is-Sindku reġa qal li zgur ma jistgħux isiru ostakli kull naħa ta' bankina. Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet jekk jistgħux isiru bollards u karrozzi jipparkjaw fin-nofs.

*Laqgħa ġiet sospiza għax kien hemm uħud mir-residenti prezenti biex jitkelmu.*

2.6 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li prezentament hemm il-pots u hemm aċċess mil-ġnub. Qal ukoll li t-tip ta' madum li hemm jurik li huwa passaġġ. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk flok linji sofor jistgħux isiru linji bojod fin-nofs u inwaħħlu tabella 'to park between the lines'. L-aħħar biċċa tinzamm vojta.

2.7 Is-Sindku qal li nipprovaw nsibu soluzzjoni li nakkomodaw kemm lir-residenti kif ukoll lis-sidien tal-ħwienet.

2.8 Il-Kunsillier P. Portelli propona li l-Kunsill għandu jirrakomanda lit-TM biex isiru dawn is-sinjali ta' parkeġġ u *loading/unloading*. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li importanti li inwasslu lit-TM il-messaġġ tar-residenti u ninfurmawhom li kien hemm konsultazzjoni. Kien hemm qbil dwar dan.

2.9 Dwar punt 2.2 dwar id-devoluzzjoni tax-xelter il-Kunsill informa li *Devoluzzjoni tax-Xelter*

se jiġi ffirmat f'Dicembru.

2.10 Dwar 2.4 għal CCTV fil-bandli l-ġodda is-Segretarju Ezekuttiv qal li ċempel lil persuna li ser jghati parir lill-Kunsill kif ghandhom jintramar, u li ser jiltaqaw daqt. *CCTV fil-bandli l-ġodda*

2.11 Dwar CVA għal Triq Bisazza. Is-Segretarju Ezekuttiv kiteb email lir-Reġjun. Is-Sindku għandu jiddiskuti dan waqt il-laqgħa li jmiss tar-Regjun. *CVA fi Triq Bisazza*

2.12 Il-Kunsillier J. Pillow tkellem dwar il-bollard fi Triq Bisazza u qal li t-tieni waħda ġġamjat għax damet biex issewwiet l-oħra. Il-kumpanija Alberta għandhom jinzammu responsabbli. Il-Kunsillier J. Pillow issuġerixxa li għal zmien il-Milied inħallsu *security officer* u jiftaħ skont il-ħinjiet sakemm tiġi irranġata l-bollard. *Triq Bisazza*

2.13 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar l-email li kellha tintbgħat lill-Alberta. Is-Segretarju Ezekuttiv kellem lil avukat.

2.14 Il-Kunsillier P. Portelli suġġerixxa li jkun hemm pulizija *patrolling* u jkunu jistgħu jħarrku lil min jidħol kontra l-ħinijiet.

2.15 Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li jkun hemm presenza ta' pulizija filgħodu, wara nofs in nhar u filgħaxija in-naħa ta' fuq għal ġimgħatejn taz-zmien il-Milied.

2.16 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal punt 2.7 dwar il-ħsara li hemm fil-latrini pubbliċi. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li għandu jiltaqa mal-kuntrattur dwar in-nuqqasijiet kollha. *Latrini Pubbliċi*

2.17 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill għandu jikteb lis-CSD biex il-bins li se jwaħħlu jkunu għal *seperated waste.* *Seperated Bins*

2.18 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li *dog bins* għadhom ma wasslux u se jasslu fil-ġimgħa ta' Jannar għax il-materjal ma kienx tajjeb *Dog bins*

2.19 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar dwar punt 2.13 dwar il billboard fix-Xatt. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li kien kiteb. *Billboard fix-Xatt*

2.20 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar dwar il-pjanta fejn qegħdin il-*cabinets* tal-GO dwar punt 3.5. Il-Kunsill għadu ma rċeviex *Cabinets - GO*

2.21 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill irċieva l-kont tad-dawl ta' Gnien Bonello Dupuis li huwa ta' Ewro 8900. Dan se jidher fl-iskeda li jmiss. Ser jilhaq jghamel verifika ta' dan il-kont mal- *Kont tad-dawl – Gnien Bonello Dupuis*

ARMS u MTI.

2.22 Dwar punt 4.5 għal manutenzjoni ta' bankijiet, ix-xogħol se jibda f'Jannar 2015. *Manutenzjoni tal-bankijiet*

2.23 Il-Kunsillier P. Portelli talab lill-Kunsill biex jirrespetta d-*deadline* għal min se jikteb artiklu fil-*magazine* għaliex dan irid joħroġ sa ġimgħatejn qabel il-Milied. *Magazine*

2.24 Il-Kunsill ġie infurmat li *Sliema Business Community* talbu biex l *ice skating rink* jibqa sa *Valentine's Day* u mhux sal-Milied biss u talbu li l-Kunsill jħallas d-dawl. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jiġi involut minħabba li din hija attvita privata u ma tistax tiġi mħallsa mill-Kunsill. *Ice Skating ring*

2.25 Il-Kunsillier Pierre Portelli irrefera għall-attivitajiet tal-Milied li l-Kunsill kien qabel fl-aħħar seduta fin-nuqqas tal-presenza tiegħu. Huwa qal li filwaqt li japprezza li ma fadalx wisq zmien għal Milied u qal li hu u l-Kunsillier D. Muscat ma kienux jafu b'dawn l-attivitajiet minkejja li huma għandhom ir-responsabbilita tal-attivitajiet. *Attivitjiet tal-Milied*

2.26 Is-Sindku spjega kif fl-aħħar seduta l-Kunsill kellu jieħu deċizjoni minħabba l-fatt li *Sliema Business Community* talbu biex il-Kunsill jipparteċipa b'xi mod u inħoloq kompromess li l-Kunsill jieħu ħsieb l-attivitajiet, filwaqt li huma jieħdu ħsieb t-tizjin. Il-Kunsilliera M. Aquilina fakkret li l-Kunsill ma speċifikax waqt is-seduta x'inhuma l-attivitajiet ezatt u d-deċizjoni kienet biss li l-ammont ma jaqbizx iktar minn Ewro 15,000.

2.27 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 1.17 dwar ix-xogħol li għandu jsir fi Triq Manwel Dimech. Issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jitlob lit-TM biex issir mill-Gvern Centrali. *Triq Manwel Dimech*

2.28 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-punt 1.12 sabiex nitolbu tinbiddel isem it-Triq Is-Salvatur għal Julian Manduca. *Triq is-Salvatur*

2.29 Is-Sindku ressaq talba li rċieva dwar tibdil ta' isem tat-triq għal Sir Anthony Mamo.

*Il-Kunsilliera V. Galea Pace ġiet skuzata li titlaq mis-seduta 20.30*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-

Kunsill.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar pagament dwar 'pad lock keys'. Ġie infurmat li dawk huma għall-impjegata ġdida u għas-Sindku.

3.3 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa jekk l-ammont li l-Kunsill jonfoq *f'bulky refuse* ġiex ppubblikat fil-magazine. Kien hemm qbil li fil-ħarġa li jmiss tiġi ppubblikata skeda ta' kemm il-Kunsill jonfoq ta' servizzi li jiġu offruti fix-xahar. *Rendikont fix-xahar*

3.4 Ġie nnotat pagament numru 39 pagabbli lil ELC dwar manutenzjoni fi Gnien Bonello Bupuis *Manutenzjoni Gnien Bonello Dupuis*

3.5 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar pagament numru 42 dwar il-*hedge cutter*. Ġie infurmat li kellu jinbiddel is-*switch*. *Hedge cutter*

3.6 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar l-applikazzjonjiet kollha li hemm tal-Arms. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li dawk *temporary applications* għad-dwal tal-Milied. *Temporary Applications*

3.7 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-pagament ta' servizz *għal high up*. Kien hemm qbil li darb'oħra jintgħazel wieħed irħas.

3.8 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

3.9 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li hu ġie mistieden mill-ANSEK għall-konferenza tal-UDITE ġewwa Belgium u talab li l-Kunsill jistax iħallas il-vjaġġ u l-akkomodazzjoni. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan u qabel ukoll li jingħata *per diem allowance* dak li hu intitolat għalih. *Konferenza*

**4. RAPPORTI MIL-KUMITATI U MIS-SOTTO KUMITAT**

4.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva ittra minn Sables d'Olonnes fejn talbu li jintemm *twinning agreement*. Il-Kunsill għandu jirrispondi bl-Ingliz. *Sables d'Olonnes*

4.2 Dwar il-kwotazzjoni għal *Landscape Designer* il-Kunsill qabel li ma nuzawx dan is-servizz għaliex il-Kunsill qabel li se jbiddel partijiet mil-Gnien gradwalment. *Gnien Bonello Dupuis*

4.3 Dwar il-kuntratt tal-*perit* il-Kunsill informa li l-*interviews* saru u se *Tender – Perit*

jiddeċiedi dwar dan fil-qrib.

4.4 Dwar it-tender għal 'contracts manager' il-Kunsill informa li ilbieraħ saret laqgħa magħhom u jidhru *pro active* u jafu Tas-Sliema sewwa. Il-Kunsill qabel li l-kuntratt jingħata lil Safety and Security Management Ltd. u s-servizz jibda minn Jannar 2015. *Tender Contracts Manager*

*Il-Kunsilliera L. Cassar ġiet skuzata li titlaq mis-seduta fit-20.55*

4.5 Il-Kunsillier P. Portelli ipprezenta dokument dwar SSAF 'Dok A'. Ġie spjegat kif il-Kunsill jista jagħzel minn Scenario 1, 2 jew 3. Il-Kunsillier P. Portelli qal l-Kunsill jagħzel x'jagħzel għandu jkun involut fl-amministrazzjoni. Legalment nistgħu insemmu 'Sliema Art Festival' basta mhux 'Street Art Festival' *SSAF*

4.6 Il-Kunsillier P. Portelli qal li hu jemmen li bħala kumitat għandna norganizzaw din l-event. Il-Kunsill għandu jara kif japplika għall-fondi ta' Ewro 15,000. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif l-applikazzjoni għanda tkun u li jrid ikun hemm inkluz xi ħaġa tradizzjonali u kulturali.

4.7 Ġie nnotat li f'kaz li l-Kunsill jagħzel Scenario 2 ikun irid ikun hemm *Expression of interest* u min jintgħazel ikun irid izomm mal-programm. F'kaz li l-Kunsill jagħzel Scenario 3 il-Kunsill ikun iktar *hands on.*

4.8 Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħzel Scenario 2. Il-Kunsill għandu jagħzel li tkun 'Artistic Visual Art' u l-area tkun minn Peppi sat-Torri biex tkun aktar konċentrata.

4.9 Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill AMC bid-deċizjoni (Scenario 2) u li lest li jikkollabora.

4.9 Il-Kunsillier D. Muscat fakkar dwar l-attivita 'Kick with the Cops' li ssir fit-8 ta' Diċembru 2014. Il-Kunsill qabel li se jinvolvi Sliema Nurseries għaliex ma kellniex applikazzjonijiet oħra. Il-Kunsilliera P. Radmilli, J. Pillow u P. Portelli se jkunu qegħdin jipparteċipaw f'logħba football. Se jkun hemm T-Shirts bil-logos tal-Kunsilli Lokali involuti. Se jingħata rikordju lit-tfal li jkunu parteċipaw. In-nefqa mhux se tkun iktar minn Ewro 200. Kien hemm qbil dwar dan. *Attivita – 'Kick with the Corp'*

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skuzat li jitlq mis-seduta fid-21.35*

4.10 Il-Kunsillier D. Muscat fakkar dwar *Sliema Day*. Il-kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li għal din il-ġurnata nifthu postijiet f'Tas-Sliema bħal *Anglican Church*, Xelter, Kappella ta' Stella Maris u postijiet oħra li normalment ma jkunux miftuħa għall-pubbliku. Kien hemm qbil dwar dan. *Sliema Day*

*4.11* Il-Kunsillier D. Muscat qal li kellu ħsieb li l-attivita tibda minn Nazzarenu sal-Kiosk. Il-Kunsill qabel li hawn ukoll japlika ghal-fondi mad-DLG.

4.12 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa x'jista jagħmel il-Kunsill dwar il-hawkers. Il-Kunsill kellu laqgħa mal-pulizija. *Hawkers*

4.13 Il-Kunsillier P. Portelli qal li hemm bzonn inzidu zewġ amministratturi oħra li jieħdu ħsieb jirrispondu d-domandi li jinkittbu fuq *facebook*. Is-Segretarju Ezekuttiv qall li se jibda jieħu ħsieb li jirrispondi hu. *facebook*

**5. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA**

Ma kienx hemm aktar suġġerimenti

**6. AGGORNAMENT**

6.1 Is-Seduta waqqfet fl-10pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 15 ta' Diċembru 2014 fis-6pm

Minuti approvati llum 15/12/2014

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**